**FIT - TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR**

***SMALL CLAIMS TRIBUNAL***

# GUDIKATUR: DR ANTHONY ELLUL, LL.D.

## SEDUTA TA' NHAR IL-TLIETA 9 TA' LULJU, 2002

**Numru: 6**

**Avviz Nru: 1256/01 AE**

**KPMG Corporate Services Limited**

**Vs**

**Leisure Clothing Limited**

**It-Tribunal,**

Ra l-avviz tat-talba li permezz tieghu s-socjeta attrici talbet il-hlas tas-somma ta' sitt mija u sebgha u hamsin lira Maltija u disgha u tletin centezmu (Lm657.39), ammont dovut ghal servizzi professjonali rezi fuq talba ta' l-istess socjeta konvenuta.

Ra r-risposta (fol. 8) li giet prezentata mis-socjeta konvenuta u li permezz taghha eccepiet li:

1. L-ammomt mhux dovut jew mhuwiex dovut kollu u huwa f'kull kaz eccessiv billi s-socjeta attrici qeghda tippretendi hlas li qatt ma kien miftiehem jew accettat u hlas ghal xoghol jew servizzi li qatt ma sar jew inghataw.

2. Li f'kull kaz is-socjeta konvenuta kienet hallset l-ammont kollu.

Ra s-sentenza moghtija fil-5 ta' Marzu 2002 u li permezz taghha t-Tribunal cahad l-eccezzjoni ta' preskrizzjoni sollevata mis-socjeta konvenuta.

Semgha x-xhieda li tressqu mill-partijiet.

Ra d-dokumenti.

Semgha t-trattazzjoni ta' l-avukati difensuri tal-paritjiet.

Ikkunsidra:

1. Is-socjeta attrici qeghda tippretendi l-hlas ta' sitt mija u sebgha u hamsin lira Maltija u disgha u tletin centezmu (Lm657.39) hlas dovut ghal servizz professjonali li nghataw lis-socjeta konvenuta.

2. Il-hlas pretiz jirrizulta minn tlett *invoices*:

(a) T40262 datat 12 ta' Awwissu 1996 ghas-somma ta' erbgha mija u hamsin lira Maltija (Lm450) [fol. 19];

(b) T40416 datat 2 ta' Ottubru 1996 ghas-somma ta' sebgha liri Maltin u disgha u tletin centezmu (Lm7.39) [fol. 18];

(c) A60490 datat 31 ta' Dicembru 1997 ghas-somma ta' mitejn lira Maltija (Lm200) [fol. 66].

3. Mill-provi jirrizulta li l-partijiet qatt ma ftehmu dwar ir-rati ta' hlas. Lanqas ma jirrizulta li hemm xi ligi li tistabilixxi tariffi ta' hlas ghat-tip ta' xoghol li taghmel is-socjeta attrici. Ir-rapprezentant tas-socjeta konvenuta xehed (seduta tas-26 ta' Frar 2002) li l-oggezzjoni ghall-hlas pretiz huwa peress li: *"m'ahniex debituri tas-socjeta KPMG Corporate Services Ltd. Ma naqblux ukoll mad-dokument peress illi l-ammont li qed jintalab huwa wiehed eccessiv"*.

4. Mill-atti jirrizulta li s-socjeta konvenuta kienet baghtet ittra datata 6 ta' Lulju 2001 (fol. 16) fejn semmiet x'kienu l-ilmenti taghha ghat-talba li saret mid-ditta KPMG u KPMG Corporate Services Ltd ghall-hlas tas-somma ta' elfejn tlett mija u tnejn u disghajn lira Maltija u tlieta u sebghin centezmu (Lm2,392.73). L-ilmenti kienu li:

(a) Fuq l-invoice numru T40262 kien sar ftehim mas-sur Camilleri Bowman li l-ammont dovut kien ta' Lm3,000.

(b) Fuq l-invoices l-ohra l-ammont pretiz kien eccessiv u *"all the works that were carried out were never agreed upon and we had never been given an estimated cost for the works that KPMG staff would be charging"*.

F'din l-ittra mkien ma jissemma li s-socjeta KPMG Corporate Services Ltd qatt ma ghamlet xoghol ghas-socjeta konvenuta, kif ipprova jaghti x'jifhem ir-rapprezentant taghha fil-kors ta' dawn il-proceduri.

5. Fir-rigward ta' l-invoice numru T40262, ghalkemm fl-ittra mibghuta mis-socjeta konvenuta jissemma li kien intlahaq ftehim ma' Joseph Camilleri Bowman, dan cahad li kien b'xi mod involut meta gie rivedut il-kont a fol. 19 tal-process (ara xhieda moghtija fis-seduta tat-22 ta' April 2002 – fol. 67). Meta r-rapprezentant tas-socjeta konvenuta xehed fis-seduta tat-22 ta' April 2002, huwa kkonferma li fuq dan il-kont kienet saret diskussjoni ma' Joseph Schembri (ufficjal tal-KPMG), u dan ta' l-ahhar kien accetta li tithallas is-somma ta' tlett elef lira Maltija (Lm3,000) li maghha kellu jizdied il-VAT.

Ir-rapprezentant tas-socjeta konvenuta ighid li m'accettax din il-proposta u ried ihallas is-somma ta' tlett elef lira Maltija (Lm3,000) ghas-saldu. Min-naha tas-socjeta attrici, ir-rapprezentant taghha (Joseph Camilleri Bowman) kkonferma li: *"fuq l-invoice 40262 konna wasalna fi ftehim mas-socjeta konvenuta li nnaqsu parti mill-ammont"*. Fir-rigward ta' dan il-kont, mir-records tas-socjeta attrici (fol. 40) irrizulta li fil-31 ta' Dicembru 1996 din addebitat kreditu favur is-socjeta konvenuta fl-ammont ta' elf u hamsa u tletin lira Maltija (Lm1,035) mill-kont numru T40262. Effettivament jirrizulta li fuq dan il-kont ghadha qeghda tippretendi l-hlas tas-somma ta' erbgha mija u hamsin lira Maltija (Lm450) peress li kif jirrizulta minn dan l-istess dokument kienu saru zewg pagamenti ghall-ammont komplessiv ta' tlett elef lira Maltija (Lm3,000). It-Tribunal jemmen li effettivament il-kont numru T40262 kie gie rivedut mis-socjeta attrici u mnaqqas ghas-somma ta' tlett elef erbgha mija u hamsin lira Maltija (Lm3,450). Mill-provi ma rrizultax li wara dan l-ezercizzju s-socjeta konvenuta kienet ilmentat u/jew oggezzjonat fuq l-ammont kif gie rivedut. Anzi rrizulta li s-socjeta konvenuta

baqghet taghmel uzu mis-servizzi tad-ditta KPMG u s-socjeta attrici. Kien biss wara li rceviet ittra bl-avukat (fis-sena 2001) meta allura s-socjeta konvenuta ma baqghetx taghmel uzu mis-servizzi tad-ditta KPMG u s-socjeta attrici, li regghet qajmet kwistjoni fuq dan il-kont. Dan kwazi hames snin mid-data meta nhareg il-kont originali. Fic-cirkostanzi u fuq bazi ta' probabilitajiet, it-Tribunal huwa iktar propens li jemmen li f'dan il-kaz partikolari il-kont gie rivedut ghas-somma ndikata mis-socjeta attrici u bil-kuntentizza tas-socjeta konvenuta. Din ta' l-ahhar ma tistax wara dawn is-snin kollha jkollha ripensament u terga' taqla' l-kwistjonijiet fuq dan il-kont.

6. B'riferenza ghall-kontijiet numru:

(a) T40416 datat 2 ta' Ottubru 1996, m'hemmx wisq x'wiehed ighid. Il-hlas ta' Lm7.39 ghal *travelling expenses* jidhru li huma gustifikati u m'humiex eccessivi. Fix-xhieda moghtija mir-rapprezentant tas-socjeta konvenuta ma tqajjmet l-ebda oggezzjoni ghal dan il-kont.

(b) A60490 datat 31 ta' Dicembru 1997, it-Tribunal m'ghandux wisq informazzjoni fuq x'hiex jista' jiddecidi. Jidher li dan il-hlas qieghed jintalab b'riferenza ghal-trasferiment ta' ishma fil-kumpannija konvenuta. Ir-rapprezentant tas-socjeta konvenuta xehed (seduta tat-22 ta' April 2002) li fuq dan il-kont l-oggezzjoni tieghu hija fis-sens li huwa ma fehmx ghal liema servizz qieghed jintalab dan il-hlas. Zied ighid li meta sar trasferiment ta' ishma ma kienux intuzaw is-servizzi tas-socjeta attrici. Huwa maghruf li min jallega jrid jipprova u kien jinkombi fuq is-socjeta attrici l-obbligu li tressaq prova li x-xoghol sar. Mill-ftit provi li tressqu fuq dan il-kont, it-Tribunal jemmen li l-verzjoni tas-socjeta attrici hija iktar kredibbli minn dik moghtija mis-socjeta konvenuta u li effetivament sar xoghol in konnessjoni ma' trasferiment ta' ishma fil-kumpannija konvenuta. F' dan ir-rigward issir riferenza ghad-dokumenti li jinsabu a fol. 46, 47 u 55 tal-process. Minn dawn id-dokumenti jirrizulta li xahar qabel ma nhareg il-kont numru A60490, sar xoghol sabiex isir *share transfer* ghal sehem wiehed fil-kumpannija konvenuta favur certu Zhao Jian. Wara li t-Tribunal qies ix-xoghol li sar f'dan

ir-rigward, deskrizzjoni ta' liema tinsab a fol. 17 tal-process, huwa tal-fehma li jkun iktar gust u ekwu li l-hlas ikun ta' hamsin lira Maltija (Lm50). Dan l-ammont qieghed jigi ffissat *arbitro boni viri* mit-Tribunal in vista tal-fatt li ma jirrizultax li l-partijiet kienu ftehmu fuq rati ta' hlas u s-socjeta attrici ma ressqitx provi ta' l-ammont ta' sighat li gew utilizzati sabiex sar ix-xoghol li jissemma fid-dokument fuq imsemmi.

7. Fir-rigward tat-tielet eccezzjoni sollevata mis-socjeta konvenuta, din ma tistax tigi milqugha. L-oneru tal-prova tal-hlas huwa fuq min jallegah, f'dan il-kaz is-socjeta konvenuta. Li rrizulta mill-provi huwa li s-socjeta konvenuta baghtet hlas fl-ammont ta' elf mija u sebgha u erbghin lira Maltija u disgha u hamsin centezmu (fol. 15) ghas-saldu, liema hlas ma giex accettat mill-kreditur.

Ghal dawn il-motivi, it-Tribunal qieghed jaqta' u jiddecidi l-kawza billi jilqa' t-talba tas-socjeta attrici limitatament ghas-somma ta' hames mija u sebgha liri Maltin u disgha u tletin

centezmu (Lm507.39), bl-imghax mid-data tan-notifika ta' l-avviz tat-talba.

L-ispejjez (inkluzi d-drittijiet legali) ghandha taghmel tajjeb ghalihom in kwantu ghal terz mis-socjeta attrici u zewg terzi mis-socjeta konvenuta.

**Avukat Dr. Anthony Ellul**

**Gudikatur**